MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 122/1995/1

**Joseph u Carmela konjugi Xuereb**

**v.**

**Angelo sive George Grech u b'nota tat-18 ta' Frar 2003**
**Maria mart Mario Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok missierha**
**msiefer Angelo sive George Grech; u Mario Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hi decizjoni limitata ghall-pregudizzjali sollevata minn din il-Qorti *ex officio* fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2005 dwar id-dezerzjoni tal-kawza minhabba l-fatt li Mario Muscat ma kienx gie notifikat bir-rikors ta' appell entro t-terminu ta' sena skond l-Artikolu 963(1) tal-Kodici ta' Organizzazzzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), moqri flimkien ma' l-Artikolu 146 ta' l-istess Kodici[1].

**2.** Il-kawza fil-meritu hija wahda ta' spoll vjolenti u klandestin, u bdiet permezz ta' citazzjoni presentata aktar minn hdax-il sena u nofs ilu, precisament fit-3 ta' Awissu 1995. L-atturi – il-konjugi Xuereb – harrku lil Angelo sive George Grech u lil Mario Muscat. B'nota tat-18 ta' Frar 2003 (fol. 316) Maria mart Mario Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok l-imsiefer missierha Angelo sive George Grech.

**3.** Fit-3 ta' Ottubru 2003 inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti – il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri. F'din is-sentenza jinghad specifikatament li il-Qorti kienet qed *"tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Muscat, peress illi huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' l-ispoll mertu tal-kawza u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju"*; is-sentenza imbaghad ghaddiet biex iddikjarat illi Angelo sive George Grech kien ikommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi, ikkundannatu jispurga l-ispoll fi zmien xahar, u ordnat li fin-nuqqas ix-xogholijiet mehtiega jsiru mill-atturi a spejjez tal-istess konvenut pero` taht id-direzzjoni tal-A.I.C. Joseph Mizzi. Sfortunatament, u evidentement bi zvista, fil-kopji tas-sentenzi li hemm fil-process, fl-okkju taghhom Mario Muscat thalla barra.

**4.** Angelo sive George Grech appella minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Ottubru 2003. F'dan ir-rikors

---

[1] Ara a propositu, fost hafna sentenzi f'dan ir-rigward, ***Rose Marie Stagno Navarra et v. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et*** Qorti ta' l-Appell, 10 ta' Dicembru 2003; ***George Sciberras et v. Josephine Spiteri et*** Qorti ta' l-Appell, 8 ta' Gunju 2004; u ***Mark Micallef v. Kontrollur tad-Dwana et*** Qorti ta' l-Appell, 2 ta' Dicembru 2005. Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci li l-amenda introdotta fl-Artikolu 963 bl-Artikolu 74 ta' l-Att XXII tal-2005 b'ebda mod ma biddlet fis-sustanza dana l-artikolu jew il-portata tas-sentenzi a propositu ta' l-istess artikolu.

huwa talab ir-revoka, mhux ir-riforma, tas-sentenza appellata – *"…joghgobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut appellant u tichad it-talbiet attrici…"*. Dana r-rikors, pero`, gie notifikat, entro t-terminu ta' sena stabbilit fl-Artikolu 963(1) (moqri flimkien ma' l-Artikolu 146) tal-Kap. 12, biss lill-konjugi Xuereb. Mario Muscat, ghalkemm kien parti fil-kawza, baqa' qatt ma gie notifkat.

**5.** Dana r-rikors ta' appell gie appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tas-7 ta' Frar 2005. F'dik l-udjenza, id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell – fir-realta` ttrattaw biss l-appell fil-meritu u mhux ukoll il-punt preliminari sollevat mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. L-appell thalla ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2005. Fid-29 ta' April 2005, izda, din il-Qorti tat provvediment fejn, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (u ddifferiet il-kawza ghad-9 ta' Mejju 2005) u dan wara li gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li l-appellant kien qed jitlob ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel grad u mhux semplicement ir-riforma taghha, kif ukoll osservat li l-partijiet ma kienux ittrattaw il-punt preliminari sollevat mill-appellant u cioe` dik il-parti tar-rikors li tghid espressament hekk:

**"Preliminarjament, is-sentenza hija nulla billi l-okkju taghha ma jinkludix <u>il-partijiet kollha fil-kawza</u>, u cioe` Mario Muscat li eventwalment gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju."** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` il-Qorti ta' l-Appell).

**6.** Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2005, li ghaliha la l-appellant u lanqas id-difensur tieghu ma deher, l-abbili difensur tal-appellati talab korrezzjoni fl-okkju "tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-3 ta' Ottubru 2003" fis-sens sabiex jitnizzel l-isem ta' Mario Muscat bhala wiehed mill-konvenuti. Din il-Qorti, b'digriet moghtija dak inhar stess, ipprovdiet billi – evidentement in vista ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 175 tal-Kap 12 li jippermetti anke korrezzjonijiet *ex officio* – ordnat li ssir "il-korrezzjoni opportuna kif mitlub <u>fir-rikors ta' appell u l-atti l-ohra kollha sussegwenti</u>." Fi kliem iehor,

din il-Qorti ma ordnatx il-korrezzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel grad. Il-verbal ta' dik l-udjenza jkompli hekk:

**"In vista ta' l-imsemmija korrezzjoni u in vista tal-fatt li Mario Muscat llum, u kif dejjem kien, huwa parti f'din il-kawza bhala konvenut jidher li r-rikors ta' appell ma giex notifikat entro t-terminu ta' sena lill-imsemmi Mario Muscat. Fid-dawl tal-fatt li t-talba fir-rikors ta' appell hija ghar-revoka tas-sentenza u mhux ghar-riforma taghha, u fid-dawl tal-fatt ukoll li l-konvenut Mario Muscat ma giex notifikat entro t-terminu ta' sena bir-rikors ta' appell, il-Qorti ser tiddifferixxi dan l-appell ghall-ahhar darba ghat-13 ta' Gunju 2005…sabiex jigi trattat il-punt jekk l-istess rikors [2] ghandux jigi dikjarat dezert."**

**7.** Fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2005 id-difensur ta' l-appellant talab differiment sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u l-appell gie differit ghall-20 ta' Gunju 2005. Fl-20 ta' Gunju 2005, pero`, l-Imhallfin sedenti f'din il-Qorti kienu okkupati f'kawza kostituzzjonali urgenti u l-appell kellu jerga' jigi differit ghall-24 ta' Ottubru 2005. F'din l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2005 la l-appellant u lanqas id-difensur tieghu ma dehru, u ghalhekk din il-Qorti iddikjarat l-appell dezert fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 209 tal-Kap. 12. Fit-28 ta' Ottubru 2005 l-appellant talab li l-appell jerga' jigi riappuntat fit-termini ta' l-istess Artikolu 209(2), u din il-Qorti rriappuntat l-appell ghad-9 ta' Jannar 2006. Rega' gara li fid-9 ta' Jannar 2006 l-appellant u d-difensur tieghu regghu ma dehrux, u l-Qorti regghet iddikjarat l-appell dezert ghat-tieni darba fit-termini tal-Artkolu 209(2). Sfortunatament dina d-disposizzjoni m'ghandhiex l-istess limitazzjoni bhalma hemm fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 199 – <u>fejn ir-riappuntament jista' jintalab darba biss</u> – u ghalhekk l-appellant rega' talab ir-riappuntament, hallas l-ispejjez kif provdut, u din il-Qorti regghet qieghdet l-appell fuq il-lista ghas-6 ta' Marzu 2006. Fis-6 ta' Marzu 2006 deher id-difensur ta' l-appellant – li mistoqsi specifikatament mill-Qorti ghal min kien qed jidher, iddikjara li hu qed jidher biss <u>ghall-appellant Grech kif</u>

[2] Recte: il-kawza titqies dezerta.

rappresentat minn bintu Maria Muscat – u l-imsemmija Maria Muscat, kif ukoll id-difensuri ta' l-appellati. Gie trattat il-punt tad-dezerzjoni o meno tar-rikors ta' appell minhabba n-nuqqas ta' notifika ta' Mario Muscat.

**8.** L-abbili difensur ta' l-appellant argumenta li, galadarba l-appellant kien isolleva l-pregudizzjali tan-nullita` tas-sentenza appellata proprju minhabba li Mario Muscat ma kienx jiffigura fl-okkju tas-sentenza li nghatat mill-Qorti ta' l-ewwel grad, din il-Qorti ma setghetx tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' appell billi fl-okkju tieghu jitnizzel ukoll Mario Muscat, u anqas setghet tissolleva *ex officio* l-pregudizzjali tad-dezerzjoni ta' l-istess rikors (proprjament, kif inghad, tal-kawza) minhabba li Mario Muscat ma kienx gie notifikat bih. Skond l-imsemmi difensur, l-ewwel li kellha titratta u tiddeciedi din il-Qorti kienet proprju l-pregudizzjali tan-nullita` tas-sentenza appellata.

**9.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant m'ghandux ragun. L-eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata anqas biss tista' tigi kkunsidrata jekk, minhabba li l-procedura bil-miktub ma tkunx inghalqet skond il-ligi, il-kawza ghandha titqies bhala kawza dezerta. Wiehed ma jistax jitratta appell ta' kawza dezerta. Id-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju 2005 – li permezz tieghu giet ordnata, effettivament *ex officio* – il-korrezzjoni fl-okkju tar-rikors ta' appell – b'ebda mod ma jista' jitqies li b'xi mod ippregudika lill-appellant. Kien l-appellant stess li fir-rikors ta' appell ammetta li Mario Muscat kien parti fil-kawza: *"Preliminarjament is-sentenza appellata hija nulla billi l-okkju taghha ma jinkludix il-partijiet kollha fil-kawza, u cioe` Mario Muscat…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Biex tigi trattata din il-pregudizzjali – li evidentement, anke minhabba t-talba ghar-revoka flok ghar-riforma, l-imsemmi Mario Muscat kellu interess fiha – l-appellant kellu l-ewwel u qabel kollox jassigura proprju li l-partijiet kollha jigu notifikati, entro t-terminu ta' sena, bir-rikors ta' appell – Artikolu 144(1), Kap. 12. Dan ma ghamlux, u l-konsegwenza logika u inevitabbli ta' dan hu li l-kawza tigi dikjarata dezerta – Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12.

**10.** Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara l-kawza dezerta fit-termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell. Spejjez a karigu ta' l-appellant.

**11.** U peress li din il-Qorti ilmentat aktar minn darba mill-fatt li rikors fi stadju ta' appell jista' jithalla jmur dezert (ghax l-appellant u d-difensur tieghu ma jidhrux) ghal aktar minn darba, possibilment ripetutament, u jerga' jigi kull darba mqieghed mill-gdid fuq il-lista peress li ma hemmx il-limitazzjoni bhalma hemm fl-Artikolu 199(3) tal-Kap. 12, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata mir-registratur lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gustizzja b'rakkomandazzjoni li ssir l-emenda opportuna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------